PDF Compressor Pro





Waqt l-inawgurazzjoni tal-wirja tal-arti sagra. Jidhru mix-xellug Mons Isqof Grech, il-Ministru Said u George Cassar, il-promotur tal-Għaqda

# Wirja annwali ta' Arti Sagra

L-Għaqda Dilettanti tal-Ġimgħa l-Kbira – Għawdex tellgħet il-wirja annwali ta' arti sagra, din id-darba, fis-Sala Sant'Antnin fil-Kunvent ta' San Franġisk fil-Belt Victoria. Il-wirja ġiet inawgurata mill-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja Chris Said u tbierket mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Il-wirja, tagħmel parti minn diversi attivitajiet li l-imsemmija Għaqda torganizza matul il-ġranet tar-Randan, il-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid. Fil-wirja wieħed seta' jinnota diversi xogħlijiet maħduma minn artisti differenti, li fil-ġranet tar-Randan ikunu mħabbtin jippreparaw għall-Ġimgħa l-Kbira. Numru mhux ħażin minn dawn l-artisti huma żgħażagħ li qed jippromettu u dan jawgura tajjeb għall-futur ta' dawn it-tradizzjonijiet.



Id-Difna. Xogħol fil-ġibs ta' Pawlu Aquilina, mir-Rabat, Għawdex



Jidhru mix-xellug, Carmen Pace fil-parti ta' Fulvia, Jenifer Agius Attard li ħadmet il-parti ta' Lilia waqt illi Frankie Rapa ħadem il-parti ta' Flavius

# Id-Dramm - Iċ-Ċenturjun

Fis-sala tal-Azzjoni Kattolika fix-Xagħra, għadd ta' atturi Xagħrin taħt id-direzzjoni ta' Josephine Azzopardi, ippreżentaw lill-pubbliku, id-dramm fi tliet atti tal-Poeta Rabti, il-mejjet, Kanonku Joe Mejlak, ċ-Ċenturjun. Dramm addatt ħafna għal dan iż-żmien tar-Randan.

Id-dramm iċ-Ċenturjun jeħodna lura lejn żmien Kristu u jurina storja ta' mħabba u ta' familja ta' Ċenturjun żagħżugħ li tibqa' soda u ma ċċedix għar-rikatt u mbrolji oħra li kienu qed isiru minn taħt biex tisfaxxa mħabba sinċiera bejn żewġ maħbubin u l-avventura ta' żagħżugħ fi ħdan familja li kellha tinfired minnu fit-trobbija tiegħu biex ma jinqatilx ma' tant trabi oħra mill-qilla ta' Erodi, li beża' li t-tarbija Ġesù setgħet teħodlu s-saltna.

Preżentazzjoni oħra tad-Dramm saret nhar il-Ġimgħa 2 ta' Marzu, fid-9.00 ta' filgħodu, fl-istess post, għat-tfal tal-iskola, primarja u dik tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, li hemm fir-raħal tax-Xagħra.

Dan id-dramm reġa' ttella' għall-pubbliku, din id-darba fuq il-palk tad-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika, fi Triq Sir Arturo Mercieca ir-Rabat, Għawdex, nhar il-Ħadd 18 ta' Marzu fil-5.30 ta' filgħaxija. Għadu kif sar magħruf illi fuq talba ġenerali, Iċ-Ċenturjun, ser jerġa' jittella', b'adattament speċjali, nhar l-Għid il-Kbir, jiġifieri l-Ħadd 8 ta' April, fil-Pjazza prinċipali tar-raħal tax-Xagħra, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**MINN GĦAWDEX**



*ma'* **Charles Spiteri**



Żewġ statwi li kienu għall-wiri. Il-Veronika u r-Redentur. Xogħol fit-tafal u l-kartapesta ta' Joe Cutajar Zahra, mir-Rabat, Għawdex



Bust tal-Ecce Homo maħdum minn Manwel Farrugia mir-Rabat, Għawdex



Iċ-Ċenturjun. Raymond Bonello magħruf bħala s-Sansun, (lemin), fil-parti ta' Octavius u Carmel Attard fil-parti ta' Marcus.

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***